Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0312(COD)

3.3.2026

EMENDI
3 - 58

Abbozz ta' rapport
Markus Ferber, Carla Tavares
(PE784.226v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 472/2013 fir-rigward tas-sorveljanza ekonomika u bażitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom

Proposta għal regolament
(COM(2025)0593 – C10-0232/2025 – 2025/0312(COD))

Emenda 3
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jirrikjedi li l-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jistabbilixxu investimenti u riformi li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet komuni tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 13, il-punt (c), ta' dak ir-Regolament, dawk il-prijoritajiet komuni jinkludu tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali, inklużi l-objettivi dwar il-klima stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119, kif ukoll reżiljenza soċjali u ekonomika, inklużi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, is-sigurtà tal-enerġija, u, meta meħtieġ, il-bini tal-kapaċità ta' difiża.

Or. en

Emenda 4
Carla Tavares, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jirrikjedi li l-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 13, il-punt (c), ta' dak ir-Regolament, dawk il-prijoritajiet komuni jinkludu tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali, inklużi l-objettivi dwar il-klima stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119, kif ukoll reżiljenza soċjali u ekonomika, inklużi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, is-sigurtà tal-enerġija, u, meta meħtieġ, il-

bini tal-kapaċità ta' difiża.

Or. en

Emenda 5
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Stat Membru li jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi ***prekawzjonarja*** minn Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi, mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ("EFSM"***, European Financial Stabilisation Mechanism), mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("MES")***) jew minn istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI"), li tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda, jenħtieġ li jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013, inkluż jekk dik l-assistenza finanzjarja tkun għadha ma ***ngħatatx***. Linja ta' Kreditu b'Kundizzjonijiet Imsaħħa tal-MES ("ECCL"***, Enhanced Conditions Credit Line***) teħtieġ tali miżuri ta' politika ġodda u, bħala tali, Stat Membru li jirċievi tali assistenza finanzjarja fuq bażi ***prekawzjonarja*** jenħtieġ li jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa. ***Fir-rigward ta' strumenti ġodda ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES, il-Kummissjoni*** jenħtieġ li ***tivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ jekk hemmx tali miżuri*** ta' ***politika ġodda u, bħala tali, jekk ir-riċevuta ta' tali assistenza finanzjarja minn Stat Membru tiġġustifikax l-applikazzjoni ta' sorveljanza msaħħa skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013***.	(8) Stat Membru li jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi ***ta' prekawzjoni*** minn Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi, mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ("EFSM") jew minn istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI"), li tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda, jenħtieġ li jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013, inkluż jekk dik l-assistenza finanzjarja tkun għadha ma ***ġietx prelevata***. Linja ta' Kreditu b'Kundizzjonijiet Imsaħħa tal-MES ("ECCL") teħtieġ tali miżuri ta' politika ġodda u, bħala tali, Stat Membru li jirċievi tali assistenza finanzjarja fuq bażi ***ta' prekawzjoni*** jenħtieġ li jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa. Jenħtieġ li ***xejn f'dan ir-Regolament ma jaffettwa d-dritt*** ta' ***Stat Membru li jiddeċiedi liberament minn liema Stati Membri, pajjiżi terzi, jew istituzzjonijiet internazzjonali huwa jfittex jew jirċievi assistenza finanzjarja***.
	(Din l-emenda li tħassar ir-referenzi għal "Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà" jew

"MES" tapplika tul it-test kollu. L-adozzjoni tagħha se tirrikjedi bidliet korrispondenti tul it-test kollu.)

Or. en

Emenda 6
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Fid-dawl ta' dawk is-sejbiet, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 biex jiġu ċċarati l-objettiv u ***l-ambitu*** tas-sorveljanza wara l-programm, sabiex tiżdied il-koerenza tiegħu mal-qafas Ewropew ta' governanza ekonomika u tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar. B'mod speċifiku, is-sorveljanza wara l-programm jenħtieġ li tiffoka fuq il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ħlas lura tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-assistenza finanzjarja riċevuta, filwaqt li titqies il-kundizzjoni ekonomika, baġitarja u finanzjarja ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dik is-sorveljanza tkopri wkoll l-implimentazzjoni ta' ċerti riformi, sal-punt li tkopri lil dawk ma jkunux diġà soġġetti għal monitoraġġ skont il-pjan fiskali strutturali-nazzjonali fuq terminu medju. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li s-sorveljanza wara l-programm tidentifika l-ħtieġa għal miżuri korrettivi biex jittaffew ir-riskji għall-ħlas lura tal-assistenza finanzjarja riċevuta.	(11) Fid-dawl ta' dawk is-sejbiet, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 biex jiġu ċċarati l-objettiv u ***l-kamp ta' applikazzjoni*** tas-sorveljanza wara l-programm, sabiex tiżdied il-koerenza tiegħu mal-qafas Ewropew ta' governanza ekonomika u tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar. B'mod speċifiku, is-sorveljanza wara l-programm jenħtieġ li tiffoka fuq il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ħlas lura tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-assistenza finanzjarja riċevuta, filwaqt li titqies il-kundizzjoni ekonomika, baġitarja u finanzjarja ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dik is-sorveljanza tkopri wkoll l-implimentazzjoni ta' ċerti riformi, sal-punt li tkopri lil dawk ma jkunux diġà soġġetti għal monitoraġġ skont il-pjan fiskali strutturali-nazzjonali fuq terminu medju. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li s-sorveljanza wara l-programm tidentifika l-ħtieġa għal miżuri korrettivi biex jittaffew ir-riskji għall-ħlas lura tal-assistenza finanzjarja riċevuta. ***L-implimentazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għas-setgħa ta' kwalunkwe sellief ieħor li jwettaq kompiti fl-ambitu tal-oqfsa legali rispettivi tiegħu stess, inklużi l-MES, l-EFSF u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti oħra.***

Or. en

Emenda 7
Pasquale Tridico, Manon Aubry

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Meta jitfasslu u jiġu implimentati programmi ta' aġġustament makroekonomiku, huwa essenzjali li jiġu rispettati u appoġġati s-sistemi nazzjonali tal-iffissar tal-pagi u r-rwol tas-sħab soċjali, inklużi l-istrutturi ta' negozjar kollettiv fil-livelli xierqa. Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi li l-protezzjoni adegwata tal-paga minima, kemm jekk żgurata permezz ta' ftehimiet kollettivi jew pagi minimi statutorji, kif ukoll negozjar kollettiv b'saħħtu, huma kruċjali għall-promozzjoni ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv.

Or. en

Emenda 8
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 huwa emendat kif ġej:	Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 huwa emendat kif ġej:
	Tul ir-Regolament kollu, ir-referenzi għal "il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES)," "il-MES," u "MES" huma mħassra u ssir kwalunkwe emenda

grammatikali meħtieġa.

Or. en

Emenda 9
Enikő Győri, Jaroslav Knot

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 1***(1)***, ***il-punt (b)*** huwa sostitwit b'dan li ġej:	(1) fl-Artikolu 1, ***il-paragrafu 1*** huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Dan ir-Regolament jistipula d-dispożizzjonijiet għar-regolamentazzjoni u għas-simplifikazzjoni tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, fejn dawk l-Istati Membri:";

Or. en

Emenda 10
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"4a. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Stat Membru, f'konformità mat-Trattati, li jiddetermina liberament is-sorsi li minnhom jista' jfittex jew jirċievi assistenza finanzjarja, inkluż minn Stati Membri oħra, pajjiżi terzi, jew

istituzzjonijiet internazzjonali.";

Or. en

Emenda 11
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta Stat Membru jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi ***prekawzjonarja*** minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-MES, jew minn kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-FMI, li tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda, il-Kummissjoni għandha tagħmel lil dak l-Istat Membru soġġett għal sorveljanza msaħħa.***;***	Meta Stat Membru jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi ***ta' prekawzjoni*** minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-MES, jew minn kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-FMI, li tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika ġodda, il-Kummissjoni għandha tagħmel lil dak l-Istat Membru soġġett għal sorveljanza msaħħa. ***Meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 u ma' dan il-paragrafu, hija għandha titlob l-opinjoni tal-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-opinjoni espressa mill-Kunsill u għandha tipprovdi raġunijiet fil-każ li tiddeċiedi li titbiegħed minn dik l-opinjoni.***

Or. en

Emenda 12
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***il-paragrafi 4 u*** 5 ***jitħassru***;	(b) ***il-paragrafu*** 5 ***huwa mħassar***;

Or. en

Emenda 13
Pasquale Tridico, Manon Aubry

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iwettaq, taħt is-superviżjoni tal-BĊE fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew fejn ikun xieraq, taħt is-superviżjoni tal-ASE rilevanti, eżerċizzji ta' test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività, kif meħtieġ, biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur finanzjarju għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, kif speċifikat mill-Kummissjoni u ***l-BĊE*** b'koordinazzjoni mal-ASE rilevanti u ***l-BERS***;	(b) iwettaq, taħt is-superviżjoni tal-BĊE fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew fejn ikun xieraq, taħt is-superviżjoni tal-ASE rilevanti, eżerċizzji ta' test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività, kif meħtieġ, biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur finanzjarju għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, ***inklużi riskji relatati mal-klima,*** kif speċifikat mill-Kummissjoni u ***mill-BĊE*** b'koordinazzjoni mal-ASE rilevanti u ***mal-BERS***;

Or. en

Emenda 14
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iwettaq, taħt is-superviżjoni tal-BĊE fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew fejn ikun xieraq, taħt is-superviżjoni tal-	(b) iwettaq, taħt is-superviżjoni tal-BĊE fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew fejn ikun xieraq, taħt is-superviżjoni tal-

ASE rilevanti, eżerċizzji ta' test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività, kif meħtieġ, biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur finanzjarju għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, kif speċifikat mill-Kummissjoni u ***l-BĊE*** b'koordinazzjoni mal-ASE rilevanti u ***l-BERS***;	ASE rilevanti, eżerċizzji ta' test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività, kif meħtieġ, biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur finanzjarju għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, ***inklużi riskji relatati mal-klima,*** kif speċifikat mill-Kummissjoni u ***mill-BĊE*** b'koordinazzjoni mal-ASE rilevanti u ***mal-BERS***;

Or. en

Emenda 15
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "Bħala regola, kull trimestru, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u lill-KEF. F'dik il-valutazzjoni, hija għandha teżamina, b'mod partikolari, jekk humiex meħtieġa miżuri ulterjuri.";	***"Kull*** trimestru, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u lill-KEF. F'dik il-valutazzjoni, hija għandha teżamina, b'mod partikolari, jekk humiex meħtieġa miżuri ulterjuri.";

Or. en

Emenda 16
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "Bħala regola, kull trimestru, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-kumitat kompetenti	***"Kull*** trimestru, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-kumitat kompetenti tal-Parlament

tal-Parlament Ewropew u lill-KEF. F'dik il-valutazzjoni, hija għandha teżamina, b'mod partikolari, jekk humiex meħtieġa miżuri ulterjuri.";	Ewropew u lill-KEF. F'dik il-valutazzjoni, hija għandha teżamina, b'mod partikolari, jekk humiex meħtieġa miżuri ulterjuri.";

Or. en

Emenda 17
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ea (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 4 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Fit-twettiq ta' dawk il-missjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrispetta bis-shih il-kompetenzi tal-Istat Membru kkonċernat u għandha toqgħod lura minn kwalunkwe azzjoni jew komunikazzjoni li tista' toħloq disturbi fis-suq jew tiggrava s-sitwazzjoni finanzjarja ta' dak l-Istat Membru.";

Or. en

Emenda 18
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt eb (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 3 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(eb) fil-paragrafu 7, is-subparagrafu 1 huwa emendat kif ġej:
Fejn Il-Kummissjoni tikkonkludi li, abbażi tal-missjonijiet ta' rieżami previsti fil-	***"Fejn*** il-Kummissjoni tikkonkludi li, abbażi tal-missjonijiet ta' rieżami previsti

paragrafu 5, ***jeħtieġ*** aktar miżuri u ***li*** s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tal-Istat Membru kkonċernat ***ikollha*** effetti avversi sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro jew tal-Istati Membri tagħha, il-Kunsill, ***waqt*** li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta ***mill-Kummissjoni***, jista' jirrakkomanda lill-Istat Membru kkonċernat ***li*** jadotta miżuri korrettivi ta' prekawzjoni jew ***li jħejji*** abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku.	fil-paragrafu 5, ***huma meħtieġa*** aktar miżuri u s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tal-Istat Membru kkonċernat ***għandha*** effetti avversi sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro jew tal-Istati Membri tagħha, il-Kunsill, ***filwaqt*** li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta ***tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 238(3)(b) tat-TFUE***, jista' jirrakkomanda lill-Istat Membru kkonċernat ***biex*** jadotta miżuri korrettivi ta' prekawzjoni jew ***iħejji*** abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku.***";***

Or. en

Emenda 19
Enikő Győri, Jaroslav Knot

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ec (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 3 – paragrafu 8 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) fil-paragrafu 8, il-punt (a) huwa mħassar.

Or. en

Emenda 20
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ed (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 3 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ed) fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu li

ġej:

"9a. Is-sorveljanza msaħħa skont dan l-Artikolu għandha titwettaq abbażi ta' djalogu kontinwu, trasparenti u ġust bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni, kif ukoll ma' kwalunkwe istituzzjoni oħra jew kwalunkwe korp ieħor tal-Unjoni involuti, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-Istati Membri.";

Or. en

Emenda 21
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern għandha tkun ibbażata fuq l-aktar xenarju makroekonomiku possibbli jew xenarju aktar prudenti u previżjonijiet baġitarji li jużaw l-aktar informazzjoni aġġornata u filwaqt li jitqies kif dovut l-eżitu tar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 3(3). Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt tax-xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji u l-iżviluppi negattivi fuq is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern.	Il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern għandha tkun ibbażata fuq l-aktar xenarju makroekonomiku possibbli jew xenarju aktar prudenti u previżjonijiet baġitarji li jużaw l-aktar informazzjoni aġġornata***, inkluż dwar riskji fiskali relatati mal-klima,*** u filwaqt li jitqies kif dovut l-eżitu tar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 3(3). Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt tax-xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji u l-iżviluppi negattivi fuq is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern.

Or. en

Emenda 22
Pasquale Tridico, Manon Aubry

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern għandha tkun ibbażata fuq l-aktar xenarju makroekonomiku possibbli jew xenarju aktar prudenti u previżjonijiet bażitarji li jużaw l-aktar informazzjoni aġġornata u filwaqt li jitqies kif dovut l-eżitu tar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 3(3). Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt tax-xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji u l-iżviluppi negattivi fuq is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern.**”**	Il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern għandha tkun ibbażata fuq l-aktar xenarju makroekonomiku possibbli jew xenarju aktar prudenti u previżjonijiet bażitarji li jużaw l-aktar informazzjoni aġġornata***, inkluż dwar riskji relatati mal-klima,*** u filwaqt li jitqies kif dovut l-eżitu tar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 3(3). Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt tax-xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji u l-iżviluppi negattivi fuq is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern.

Or. en

Emenda 23
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 6 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
	“Fit-twettiq tal-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha taġixxi b’mod imparzjali u tiżgura trattament ugwali fost l-Istati Membri.
Il-Kummissjoni għandha tagħmel ***pubbliku x-xenarju*** makroekonomiku, inklużi x-xenarju tat-tkabbir, il-parametri rilevanti li fuqhom tkun imsejsa l-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern tal-Istat Membru kkonċernat, u l-impatt stmat tal-miżuri bażitarji aggregati fuq it-tkabbir ekonomiku.	Il-Kummissjoni għandha tagħmel ***pubblika l-metodoloġija użata għax-xenarju*** makroekonomiku, inklużi x-xenarju tat-tkabbir, il-parametri rilevanti li fuqhom tkun imsejsa l-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern tal-Istat Membru kkonċernat, u l-impatt stmat tal-miżuri bażitarji aggregati fuq it-tkabbir

ekonomiku.***”;***

Or. en

Emenda 24
Rasmus Andresen
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a – punt i
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:	
“Fejn Stat Membru jitlob assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew mingħand diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-MES jew mill-FMI, huwa għandu jipprepara, bi qbil mal-Kummissjoni, li taġixxi f’koordinazzjoni mal-BĊE u, fejn xieraq, mal-FMI, abbozz ta’ programm ta’ aġġustament makroekonomiku li għandu jinkludi miri baġitarji annwali. F’konformità mal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, meta Stat Membru jkollu pjan fiskali-strutturali nazzjonali attiv fuq terminu medju, u dak l-Istat Membru jsir soġġett għal programm ta’ aġġustament makroekonomiku, dak il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandu jitqies fit-tfassil tal-programm ta’ aġġustament makroekonomiku.”;	
(ii) ir-raba’ subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:	
“L-abbozz tal-programm ta’ aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi.”;	

Emenda 25
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. ***Fejn*** Stat Membru jitlob assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-MES, mill-EFSF jew mill-FMI huwa għandu jipprepara bi qbil mal-Kummissjoni, li taġixxi b'koordinazzjoni mal-BĊE u, meta jkun xieraq, mal-FMI, abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku li għandu jibni fuq u jissostitwixxi kwalunkwe programm ta' sħubija ekonomika skont ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 u li għandu ***wkoll*** jinkludi miri baġitarji annwali.	***"Fejn*** Stat Membru jitlob assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-MES, mill-EFSF jew mill-FMI***,*** huwa għandu jipprepara***,*** bi qbil mal-Kummissjoni, li taġixxi b'koordinazzjoni mal-BĊE u, meta jkun xieraq, mal-FMI, abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku li għandu jibni fuq u jissostitwixxi kwalunkwe programm ta' sħubija ekonomika skont ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 u li għandu jinkludi miri baġitarji annwali.
L-abbozz ***tal-programm*** ta' aġġustament makroekonomiku għandu jindirizza r-riskji speċifiċi li joħorġu minn dak l-Istat Membru għall-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro u għandu jimmira li jirristabbilixxi malajr sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tajba u sostenibbli u tiġi restawrata l-kapaċità tal-Istat Membru li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ.	L-abbozz ***ta' programm*** ta' aġġustament makroekonomiku għandu jindirizza r-riskji speċifiċi li joħorġu minn dak l-Istat Membru għall-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro u għandu jimmira li jirristabbilixxi malajr sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tajba u sostenibbli u ***li*** tiġi restawrata l-kapaċità tal-Istat Membru li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ.
L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jkun ibbażat fuq il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern ***imsemmi*** fl-Artikolu 6,– li għandha ***tkun*** aġġornata biex tinkorpora l-impatt tal-abbozz tal-miżuri korrettivi nnegozjati mill-Istat Membru kkonċernat – u għandu	L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jkun ibbażat fuq il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern ***imsemmija*** fl-Artikolu 6, li għandha ***tiġi*** aġġornata biex tinkorpora l-impatt tal-abbozz tal-miżuri korrettivi nnegozjati mill-Istat Membru kkonċernat***,*** u għandu

jqis kif xieraq ***ir-rakkomandazzjoni*** indirizzata lil dak l-Istat Membru skont l-Artikoli 121, 126, 136 jew 148 ***TFUE*** u l-azzjonijiet tiegħu biex jikkonforma ma' tali rakkomandazzjoni, filwaqt li jimmira lejn it-twessigħ, it-tisħiħ u l-approfondiment tal-miżuri ta' politika meħtieġa.	jqis kif xieraq ***kwalunkwe rakkomandazzjoni*** indirizzata lil dak l-Istat Membru skont l-Artikoli 121, 126, 136 jew 148 ***tat-TFUE*** u l-azzjonijiet tiegħu biex jikkonforma ma' tali rakkomandazzjoni, filwaqt li jimmira lejn it-twessigħ, it-tisħiħ u l-approfondiment tal-miżuri ta' politika meħtieġa.
	Qabel l-adozzjoni tal-abbozz tal-miżuri korrettivi skont il-paragrafu preċedenti, il-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt soċjali li tevalwa l-effetti distributtivi u soċjali ta' tali miżuri, f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-valutazzjoni għandha tiġi trażmessa mingħajr dewmien żejjed lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill
L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet ***għall-formazzjonijiet*** tal-pagi ***u l-programm*** ta' riforma ***nazzjonali*** tal-Istat Membru kkonċernat fil-kuntest tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.	L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet ***għall-formazzjoni*** tal-pagi***, il-programm nazzjonali*** ta' riforma tal-Istat Membru kkonċernat fil-kuntest tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi ***u juri kif ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti ġew inkorporati bis-sħiħ inkluż kwalunkwe miżura kompensatorja mfassla biex timmitiga l-impatt distributtiv u soċjali tal-abbozz tal-miżuri korrettivi propost inizjalment***.
L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu josserva bis-sħiħ l-Artikolu 152 ***TFUE*** u l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tinforma ***bil-fomm*** lill-President u ***l-Viċi President*** tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar il-progress li sar fit-tħejjija tal-abbozz ***tal-programm*** ta' aġġustament makroekonomiku. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali.	L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu josserva bis-sħiħ l-Artikolu 152 ***tat-TFUE*** u l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tinforma ***oralment*** lill-President u ***lill-Viċi Presidenti*** tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar il-progress li ***jkun*** sar fit-tħejjija tal-abbozz ***ta' programm*** ta' aġġustament makroekonomiku. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali. ***";***

Or. en

Emenda 26
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a – punt ia(ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7– paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ia) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-abbozz tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jindirizza r-riskji speċifiċi li joħorġu minn dak l-Istat Membru għall-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro u għandu jimmira li jirristabbilixxi malajr sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tajba u sostenibbli ***u*** li tiġi restawrata l-kapaċità tal-Istat Membru li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ.	***"L-abbozz ta' programm*** ta' aġġustament makroekonomiku għandu jindirizza r-riskji speċifiċi li joħorġu minn dak l-Istat Membru għall-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro u għandu jimmira li jirristabbilixxi malajr sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tajba u sostenibbli***, filwaqt*** li tiġi restawrata l-kapaċità tal-Istat Membru li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ. ***Il-programm għandu jiżgura li l-miżuri proposti jkunu ekonomikament u soċjalment sostenibbli għall-Istat Membru. ";***

Or. en

Emenda 27
Carla Tavares, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a – punt ii
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-abbozz ***tal-programm*** ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi.;	L-abbozz ***ta' programm*** ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi.; ***Għandu jqis ukoll il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Istat Membru kkonċernat u jkun***

konsistenti mal-impenji tiegħu rigward il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1263, kif ukoll ir-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Or. en

Emenda 28
Pasquale Tridico, Manon Aubry

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-abbozz ***tal-programm*** ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi**.**;	L-abbozz ***ta' programm*** ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi**,** ***inkluż ir-rwol tas-sħab soċjali u l-funzjonament tas-sistemi ta' negozjar kollettiv, kif ukoll l-oqfsa nazzjonali għall-paga minima, u għandu jkun konsistenti mad-Direttiva (UE) 2022/2041***;

Or. en

Emenda 29
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a – punt ii
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-abbozz ***tal-programm*** ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-	L-abbozz ***ta' programm*** ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjoni tal-pagi ***u l-impenji tal-Istat Membru kkonċernat***

pagi.;	***rigward il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2024/1263***;

Or. en

Emenda 30
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-memorandum ta' qbil iffirmat mill-Kummissjoni f'isem il-MES ikun konsistenti bis-sħiħ mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat mill-Kunsill.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 31
Carla Tavares, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-Kummissjoni għandha ***tgħarraf bil-fomm*** lill-President u lill-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew ***bil-konklużjonijiet*** misluta mill-monitoraġġ tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku. ***Din*** l-informazzjoni għandha tiġi ***trattata*** bħala kunfidenzjali.	***"Il-Kummissjoni*** għandha ***tinforma*** lill-President u lill-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew ***dwar il-konklużjonijiet*** misluta mill-monitoraġġ tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku. ***Dik*** l-informazzjoni għandha tiġi ***ttrattata*** bħala

kunfidenzjali.***";***

Or. en

Emenda 32
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-Kummissjoni għandha ***tgħarraf bil-fomm*** lill-President u lill-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew ***bil-konklużjonijiet*** misluta mill-monitoraġġ tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku. ***Din*** l-informazzjoni għandha tiġi ***trattata*** bħala kunfidenzjali.	***"Il-Kummissjoni*** għandha ***tinforma*** lill-President u lill-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew ***dwar il-konklużjonijiet*** misluta mill-monitoraġġ tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku. ***Dik*** l-informazzjoni għandha tiġi ***ttrattata*** bħala kunfidenzjali.***";***

Or. en

Emenda 33
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt cb (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(cb) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mal-BĊE u ***kull*** meta jkun xieraq mal-FMI, **-** għandha teżamina mal-Istat Membru	***"Il-Kummissjoni***, b'koordinazzjoni mal-BĊE u***,*** meta jkun xieraq mal-FMI, għandha teżamina mal-Istat Membru

kkonċernat il-bidliet u l-aġġornamenti li jistgħu jkunu meħtieġa fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu sabiex tikkunsidra sew, inter alia, ***kull*** nuqqas sinifikanti bejn il-previżjonijiet makroekonomiċi u ċ-ċifri realizzati, inklużi konsegwenzi possibbli li jirriżultaw mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku, riperkussjonijiet negattivi kif ukoll xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji. Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta ***mill-Kummissjoni***, għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe bidla li trid ssir f'dak il-programm .	kkonċernat il-bidliet u l-aġġornamenti li jistgħu jkunu meħtieġa fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu sabiex tikkunsidra sew, inter alia, ***kwalunkwe*** nuqqas sinifikanti bejn il-previżjonijiet makroekonomiċi u ċ-ċifri realizzati, inklużi konsegwenzi possibbli li jirriżultaw mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku, riperkussjonijiet negattivi kif ukoll xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji***, u kwalunkwe miżura li tkun ekonomikament jew soċjalment mhux sostenibbli għall-Istat Membru***. Il-Kunsill, ***filwaqt li jaġixxi*** b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta ***tal-Kummissjoni***, għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe bidla li trid ssir f'dak il-programm.***";***

Or. en

Emenda 34
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt cc (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(cc) fil-paragrafu 7, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-isforzi ta' konsolidazzjoni baġitarja stabbiliti fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandhom iqisu ***l-bżonnijiet għall-iżgurar ta'*** mezzi suffiċjenti għal politiki fundamentali ***bħall-edukazzjoni*** u l-kura tas-saħħa.	***"L-isforzi*** ta' konsolidazzjoni baġitarja stabbiliti fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandhom iqisu ***l-ħtieġa li jiġu żgurati*** mezzi suffiċjenti għal politiki fundamentali***, bħall-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni*** u l-kura tas-saħħa ***u għandhom ikunu konsistenti mal-objettivi tal-Unjoni fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inklużi l-impenji tagħha fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi***.***";***

Or. en

Emenda 35
Carla Tavares, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt cc (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(cc) fil-paragrafu 7, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-isforzi ta' konsolidazzjoni baġitarja stabbiliti fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandhom iqisu ***l-bżonnijiet għall-iżgurar ta'*** mezzi suffiċjenti għal politiki fundamentali ***bħall-edukazzjoni*** u l-kura tas-saħħa.	***"L-isforzi*** ta' konsolidazzjoni baġitarja stabbiliti fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandhom iqisu ***l-ħtieġa li jiġu żgurati*** mezzi suffiċjenti għal politiki fundamentali ***bħall-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni*** u l-kura tas-saħħa.***";***

Or. en

Emenda 36
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt cd (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cd) fil-paragrafu 8, jiddaħħal is-subparagrafu 2 li ġej:
	"Il-parir ipprovdut fil-kuntest tal-assistenza teknika mill-grupp ta' esperti msemmi f'dan il-paragrafu ma għandux ikun vinkolanti u jrid jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istat Membru.";

Or. en

Emenda 37
Enikő Győri, Jaroslav Knot

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ce (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 10

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ce) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-Kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' ***joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat u*** lill-Kummissjoni ***biex jipparteċipaw*** fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li ***jsir*** fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku.	***"Il-kumitat*** kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' ***jitlob*** lill-Kummissjoni ***tipparteċipa*** fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li ***jkun sar*** fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku.***";***

Or. en

Emenda 38
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt d
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 12 – subparagrafi 3 u 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fil-paragrafu 12, it-tielet u r-raba' subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:	***imħassar***
"Rigward dawk l-istrumenti, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu, b'deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat, japprova r-rekwiżiti ta' politika ewlenin, li l-MES biħsiebu jinkludi fil-kundizzjonalità għas-sostenn finanzjarju tiegħu, sat-tali punt li l-kontenut ta' dawk il-miżuri jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni kif stipulat fit-Trattati.	

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-memorandum ta' qbil iffirmat mill-Kummissjoni f'isem il-MES ikun konsistenti bis-sħiħ ma' din id-deċiżjoni tal-Kunsill.";

Or. en

Emenda 39
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt da (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 12 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) fl-Artikolu 7(12), is-subparagrafu 3 huwa mħassar.

Or. en

Emenda 40Carla Tavares, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt d
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 12 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rigward dawk l-istrumenti, il-Kunsill, filwaqt li jagħixxi fuq rakkomandazzjoni ***mill-Kummissjoni***, għandu, b'deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat, japprova r-rekwiżiti ta' politika ewlenin, li l-MES biħsiebu jinkludi fil-kundizzjonalità għas-sostenn finanzjarju tiegħu, ***sat-tali*** punt li l-kontenut ta' dawk il-miżuri jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni kif stipulat fit-Trattati.	Rigward dawk l-istrumenti, il-Kunsill, filwaqt li jagħixxi fuq rakkomandazzjoni ***tal-Kummissjoni***, għandu, b'deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat, japprova r-rekwiżiti ta' politika ewlenin, li l-MES biħsiebu jinkludi fil-kundizzjonalità għas-sostenn finanzjarju tiegħu, ***sa*** punt ***tali*** li l-kontenut ta' dawk il-miżuri jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni kif stipulat fit-Trattati***, u titqies il-ħtieġa li jiġu żgurati mezzi suffiċjenti għal politiki fundamentali, bħas-sigurtà soċjali, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa***.

Or. en

Emenda 41
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt db (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 7 – paragrafu 12 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) fl-Artikolu 7(12), is-subparagrafu 4 huwa mħassar.

Or. en

Emenda 42
Pasquale Tridico, Manon Aubry

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 9

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(6a) l-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Stat Membru għandu, fejn meħtieġ, jieħu miżuri f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u b'koordinazzjoni mal-BĊE, u fejn ikun xieraq ***l-FMI***, bil-għan li jissaħħu l-effiċjenza u l-effettività tal-kapaċità tal-ġbir tad-dħul u ***l-ġlieda*** kontra l-frodi u l-evażjoni ***tat-taxxi***, bil-għan li jiżdied id-dħul fiskali tiegħu.	***"Stat*** Membru għandu, fejn meħtieġ, jieħu miżuri f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u b'koordinazzjoni mal-BĊE, u fejn ikun xieraq ***mal-FMI***, bil-għan li jissaħħu l-effiċjenza u l-effettività tal-kapaċità tal-ġbir tad-dħul u ***tal-ġlieda*** kontra l-frodi u l-evażjoni ***tat-taxxa, inklużi miżuri li jikkumbattu l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti, kumpaniji fittizji u nuqqas ta' trasparenza rigward sjieda benefiċjarja***, bil-għan li jiżdied id-dħul fiskali tiegħu.***";***

Or. en

Emenda 43
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 14 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. ***Bħala regola,*** il-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE, għandha tikkomunika kull ***6*** xhur, il-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1a lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, lill-KEF u lill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat.	1b. Il-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE, għandha tikkomunika kull ***sitt*** xhur, il-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1a lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, lill-KEF u lill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Emenda 44
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt d
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid) – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Ħames snin wara l-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm, il-Kummissjoni tista' tipprepara valutazzjoni speċifika dwar il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta. Hija u tipprepara dik il-valutazzjoni, minbarra l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni ekonomika, baġitarja u finanzjarja, inkluż tal-implimentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, il-Kummissjoni għandha tqis iċ-ċirkostanzi kollha li ġejjin:	2a. ***B'deroga mill-paragrafu 1, meta applikabbli,*** ħames snin wara l-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm, il-Kummissjoni tista' tipprepara valutazzjoni speċifika dwar il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta. Hija u tipprepara dik il-valutazzjoni, minbarra l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni ekonomika, baġitarja u finanzjarja, inkluż tal-implimentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, il-Kummissjoni għandha tqis iċ-ċirkostanzi kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 45
Carla Tavares, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt d
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid) – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Ħames snin wara l-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm, il-Kummissjoni tista' tipprepara valutazzjoni speċifika dwar il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta. Hija u tipprepara dik il-valutazzjoni, minbarra l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni ekonomika, bażitarja u finanzjarja, inkluż tal-implimentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, il-Kummissjoni għandha tqis iċ-ċirkostanzi ***kollha*** li ġejjin:	2a. Ħames snin wara l-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm, il-Kummissjoni tista' tipprepara valutazzjoni speċifika dwar il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta. Hija u tipprepara dik il-valutazzjoni, minbarra l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni ekonomika, bażitarja u finanzjarja, inkluż tal-implimentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, il-Kummissjoni għandha tqis***, bħala regola ġenerali,*** iċ-ċirkostanzi li ġejjin***, meqjusin flimkien***:

Or. en

Emenda 46
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt d
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid) – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħames snin wara l-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm, il-Kummissjoni tista' tipprepara valutazzjoni speċifika dwar il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta. Hija u tipprepara dik il-valutazzjoni, minbarra l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni ekonomika, bażitarja u	Ħames snin wara l-applikazzjoni tas-sorveljanza wara l-programm, il-Kummissjoni tista' tipprepara valutazzjoni speċifika dwar il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura l-assistenza finanzjarja riċevuta. Hija u tipprepara dik il-valutazzjoni, minbarra l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni ekonomika, bażitarja u

finanzjarja, inkluż tal-implimentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, il-Kummissjoni għandha tqis iċ-ċirkostanzi ***kollha*** li ġejjin:	finanzjarja, inkluż tal-implimentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, il-Kummissjoni għandha tqis***, bħala regola ġenerali,*** iċ-ċirkostanzi li ġejjin***, meqjusin flimkien***:

Or. en

Emenda 47
Carla Tavares, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt d
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid) – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwiex ***ogħla minn 90*** %;	(a) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwiex ***qrib jew isegwix trajettorja sostnuta 'l isfel lejn 90*** %;

Or. en

Emenda 48
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt d
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid) – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwiex ***ogħla minn*** 90 %;	(a) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwiex ***qrib, jew isegwix trajettorja sostnuta 'l isfel lejn*** 90 %;

Or. en

Emenda 49
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt d
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid) – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwiex ogħla minn 90 %;	(a) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG huwiex ogħla minn 90 % ***u t-trajettorja tal-proporzjon***;

Or. en

Emenda 50
Enikő Győri, Jaroslav Knot

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt f
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:	***imħassar***
"3a. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li jkun sar taħt is-sorveljanza wara l-programm.";	

Or. en

Emenda 51
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 18

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10a) l-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 18	***"Artikolu*** 18
Tagħrif lill-Parlament Ewropew	Tagħrif lill-Parlament Ewropew
Il-Parlament Ewropew jista' jistieden rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għal djalogu dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***1.*** Il-Parlament Ewropew jista' jistieden rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għal djalogu dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
	2. L-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Kunsill jew lil kwalunkwe korp preparatorju tiegħu fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jew tal-implimentazzjoni tiegħu għandha tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew fl-istess ħin, soġġetta għal arranġamenti ta' kunfidenzjalità jekk ikun meħtieġ. L-eżiti rilevanti tad-diskussjonijiet li jsiru fil-korpi preparatorji tal-Kunsill għandhom jiġu kondiviżi mal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew.
	3. L-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni r-redazzjoni ta' informazzjoni sensittiva jew kunfidenzjali, li d-divulgazzjoni tagħha tipperikola l-interessi pubbliċi tal-Istat Membru. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tikkoopera mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill rigward kif l-informazzjoni li tkun saritilha r-redazzjoni tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom b'mod kunfidenzjali f'konformità mar-regoli applikabbli.";
	Or. en

Emenda 52
Paolo Borchia, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:	***imħassar***
“Artikolu 18a	
Arranġamenti amministrattivi mal-MES u istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti oħra	
Il-Kummissjoni għandha tfittex li tistabbilixxi l-arranġamenti amministrattivi meħtieġa mal-MES u ma’ istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti oħra biex tiżgura kooperazzjoni mill-qrib fit-twettiq tal-attivitajiet previsti f’dan ir-Regolament.”;	

Or. en

Emenda 53
Carla Tavares, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kontribut ta’ dan ir-Regolament ***għall-kisba ta’*** tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza soċjali u ekonomika***.***	(c) il-kontribut ta’ dan ir-Regolament ***biex jinkisbu*** tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza soċjali u ekonomika***, inklużi l-impenji tiegħu rigward il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1263;***

Or. en

Emenda 54
Pasquale Tridico, Manon Aubry

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament ***għall-kisba ta'*** tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza soċjali u ekonomika.	(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament ***biex jinkisbu*** tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza soċjali u ekonomika***, filwaqt li jitqiesu l-miri klimatiċi tal-Unjoni, il-konverġenza soċjali, u l-ħtieġa għal reżiljenza għal riskji fiskali relatati mal-klima***.

Or. en

Emenda 55
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament ***għall-kisba ta'*** tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza soċjali u ekonomika.	(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament ***biex jinkisbu*** tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza soċjali u ekonomika ***u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1263***.

Or. en

Emenda 56
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament ***għall-kisba ta'*** tkabbir sostenibbli u inklużiv ***u*** reżiljenza soċjali u ekonomika.	(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament ***biex jinkisbu*** tkabbir sostenibbli u inklużiv***,*** reżiljenza soċjali u ekonomika ***u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni kif speċifikat fl-Artikolu 13, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/1263***.

Or. en

Emenda 57
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-kisba ta' tkabbir sostenibbli u ***inklużiv u*** reżiljenza soċjali u ekonomika***.***	(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-kisba ta' tkabbir sostenibbli u reżiljenza soċjali u ekonomika***, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività;***

Or. en

Emenda 58
Enikő Győri, Jaroslav Knot, Tomáš Kubín, Jaroslava Pokorná Jermanová, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – paragrafu 2 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 472/2013
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"fl-Artikolu 19, it-tieni paragrafu, jiżdied il-punt li ġej:
	(ca) l-adegwatezza u l-proporzjonalità tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament,

b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE u tal-kompetenzi tal-Istati Membri kif stipulati fit-Trattati.".

Or. en